**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.**

**Emanuela Vella (KI 32741M), f'isimha propju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' bintha msiefra Janika Calleja (KI 72176M);**

**Marthese Vella (KI 408966M);**

**Denise Marston (KI 464170M)**

**Vs**

**Joseph Sammut (KI 148069M); u**

**Dorianne Sammut (KI 232576M)**

**Rikors Guramentat Numru: 32/17**

Illum 20 ta' Gunju 2017

Il-Bord,

Ra r-rikors guramentat tar-rikorrenti Emanuela Vella pro et nomine, Marthese Vella u Denise Marston li jaqra hekk:

<u>DIKJARAZZJONI</u>

Ir-Rikorrenti Emanuela Vella tikkonferma bil-gurament is-segwenti fatti li tafhom personalment:

1. Illi permezz ta' skrittura ta' lokazzjoni datata 15 ta' Lulju 2015 (kopja annessa u mmarkata bhala Dok 'A') ir-rikorrenti kkoncedew b'titolu ta' lokazzjoni lill-intimati l-fond No 48 "Paradise Court", Triq il-Hgejjeg, Bugibba, San Pawl il-Bahar.

2. Illi fost it-termini u kundizzjonijiet stipulati fl-imsemmi Dok'A' ai termini tal-klawsola numru 1, l-lokazzjoni kienet tittermina fil-31 ta' Dicembru 2015.

3. Illi fil-fatt wara li ghalqet il-lokazzjoni din ma gietx mgedda jew b'xi mod estisa u ma sar l-ebda ftehim ta' lokazzjoni iehor bejn il-partijiet.

4. Illi minkejja li l-lokazzjoni ghalqet, l-intimati baqghu jokkupaw il-fond *de quo*, u kwindi huma qeghdin jokkupaw il-fond *de quo* minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

5. Illi ghalhekk ir-Rikorrenti iridu jiehdu lura l-pussess tal-immobbli hawn iktar 'il fuq deskritt li kien gie minnhom mikri lill-intimati.

6. Illi r-Rikorrenti qieghdin f'dan l-istadju jirriservaw id-drittijiet l-ohra taghhom kollha inkluz *inter alia* ghall-hlas tal-arretrati ta' kera, imghax u kontijiet tad-dawl u ilma, u qieghdin appozitament jillimitaw din l-azzjoni odjerna ghar-ripreza tal-pussess vakanti tal-immobbli inkwistjoni.

7. Illi ghar-ragunijiet hawn fuq spjegati jezistu l-elementi kollha rikjesti a tenur tal-Artikolu 16A tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dan l-Onorabbli Bord jilqa' t-talbiet minghajr ma jghaddi ghas-smiegh tal-kawza stante li sa fejn jafu r-Rikorrenti l-Intimati m'ghandhom l-ebda difiza x'jaghtu ghal dawn it-talbiet, u dana kif konfermat ukoll fid-dikjarazzjoni guramentata li qed tigi pprezentata flimkien ma'dan ir-Rikors.

<u>RAGUNI TAT-TALBA</u>

Illi r-Rikorrenti kienu krew lill-lntimati l-fond No 48 "Paradise Court", Triq il-Hgejjeg, Bugibba, San Pawl il-Bahar.

Illi ghalkemm il-lokazzjoni tterminat fil-31 ta' Dicembru 2015, l-intimati xorta wahda baqghu jokkupaw il-fond *de quo* u kwindi minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Illi r-Rrkorrenti jixtiequ jiehdu lura l-pussess vakanti tal-fond *de quo*.

Illi safejn jafu ir-Rikorrenti, l-Intimati ma ghandhomx difiza x'jaghtu kontra t-talba tar-rikorrenti.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

<u>TALBIET</u>

Illi r-rikorrenti ghalhekk talbu lil dan il-Bord sabiex:

1. Jiddeciedi u jilqa' t-talba tar-rikorrenti minghajr ma jghaddi ghas-smigh tal-kawza *ai termini* tal-Artikolu 16A tal-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri ta' Bini (Kap 69) *in vista* ta' l-hawn fuq dikjarazzjoni guramentata u ta' l-anness affidavit Dok B.

2. Tikkundanna lill-Intimati sabiex fi zmien qasir u perentorju jizgombraw mill-fond No 48 'Paradise Court', Triq il-Hgejjeg, Bugibba, San Pawl il-Bahar liema fond huma qed jokkupaw u jidetjenu minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Bl-ispejjez kollha u b'riserva ta' kull dritt iehor t'azzjoni spettanti lir-rikorrenti kontra l-intimati skont il-ligi.

Ra illi t-talba tar-rikorrenti hija segwita b'dikjarazzjoni guramentata tal-fatti kompriz id-dikjarazzjoni li l-intimati ma ghandhom l-ebda opposizzjoni x'jistghu jaghmlu skont il-ligi.

Rat in-nota tal-intimati prezentata fit-13 ta' Gunju 2017.

Ra li fis-seduta tallum l-intimati, debitament assistiti, iddikjaraw li huma lesti li johorgu mill-fond purche' jinghataw xahrejn zmien sabiex johorgu mill-fond. Ir-rikorrenti hekk kif assistiti ddikjaraw li m'ghandhomx oggezzjoni li l-intimati johorgu fiz-zmien propost izda insistew li tinghata sentenza xorta wahda.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidra:

Mill-atti rrizulta li permezz ta' skrittura ta' lokazzjoni datata 15 ta' Lulju 2015 ir-rikorrenti kkoncedew b'titolu ta' lokazzjoni lill-intimati l-fond No 48 "Paradise Court", Triq il-Hgejjeg, Bugibba, San Pawl il-Bahar. Din il-lokazzjoni kienet tittermina fil-31 ta' Dicembru 2015. Wara li ghalqet il-lokazzjoni din ma gietx mgedda jew b'xi mod estiza u ma sar l-ebda ftehim ta' lokazzjoni iehor bejn il-partijiet. Minkejja dan, l-intimati baqghu jokkupaw il-fond *de quo*, u kwindi huma qeghdin jokkupaw il-fond *de quo* minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Fis-seduta tallum l-intimati accettaw li huma ghandhom jivvakaw il-fond inkwistjoni.

Peress li ghalhekk huwa misthoqq li t-talbiet tar-rikorrenti jintlaqghu.

Ghal dawn il-motivi l-Bord jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti u ai fini tat-tieni talba tikkundanna lill-intimati sabiex fi zmien perentorju ta' xahrejn millum jizgumbraw mill-fond No 48, 'Paradise Court', Triq il-Hgejjeg, Bugibba, San Pawl il-Bahar.

Bl-ispejjez a karigu tal-intimati.

**Dr Josette Demicoli LL.D.**
**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**
**Deputat Registratur**